**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Numru 968/2023**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**-Vs-**

**DAVID SCICLUNA**

**-OMISSIS 1 -**

**-OMISSIS 2 -**

**Illum, 21 ta' Novembru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra :

**DAVID SCICLUNA**, ta' disgħa u tletin sena, iben Victor Scicluna u Salvina nee' Baldacchino, ta' nazzjonalita' Maltija, imwieled il-Pieta' nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elf disgħa mija u erbgħa u tmenin (1984) u residenti ġewwa May Mans, Triq l-Iskal, Marsaskala u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 322584M ;

u

-*Omissis 1*-

u

-*Omissis 2*-

Li ġew akkużati talli fil-lejl ta' bejn is-sbatax (17) u t-tmintax (18) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin, taħt il-Ġnien tal-Argotti, il-Furjana, u/jew fi bandi oħra f'dawn il-Gżejjer:-

1. Bil-ħsieb li jikkomettu serq ta' *cables* u *wires* u/jew oġġetti oħra ikkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda ma jeċċedix l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-ħin, urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-eżekuzzjoni ta' tali delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tagħhom, tali serq kien se jsir għad-dannu ta' Go Mobile PLC u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;
   *Artikoli* 41 *(l)(a),* 261 *(c)(j),* 267*, 270,* 279 *(a), 280(1) tal-Kapitolu* 9 *tal-Liġijiet ta' Malta*

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara hija iżjed minn elfejn u ħames mitt ewro (€2,500), u dan għad-dannu ta' Go Mobile PLC u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;
   *Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu* 9 *tal-Liġijiet ta' Malta*

**Lil DAVID SCICLUNA** waħdu nakkuzawh ukoll talli fil-lejl ta' bejn is-sbatax (17) u tmintax (18) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), taħt Ġnien 1-Argotti, il-Furjana, u/jew fi-bnadi oħra f'dawn il-Gzejjer;

1. Naqas milli josserva xi waħda, u/jew iktar minn waħda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'digriet mogħti mill-Maġistrat Dott. Monica Vella, datat tmintax (18) ta' Awwissu elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet;
   *Artikolu* 579(2) *tal-Kapitolu* 9 *tal-Liġijiet ta' Malta*

2. Aktar talli naqas milli jħares xi waħda, u/jew iktar minn waħda, mill-Kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali b'digriet mogħti mill-Imħallef Dott. Consuelo Scerri Herrera datat 16 ta' Mejju elfejn u tlieta u għoxrin (2023) u li permezz tiegħu huwa ingħata il-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet;
*Artikolu* 579(2) *tal-Kapitolu* 9 *tal-Ligijiet ta' Malta*

3. Fl-istess data, lok u ċirkostanzi, kemm il-darba jinstab ħati jirrendi ruħu reċidiv *ai termini* tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan b'sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati li saru definittivi u li ma jistgħux jinbidlu;

4. Aktar kemm il-darba jinstab ħati ikun ikkommetta tali reati waqt perjodu ta' ordni ta' *probation* mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr. Joseph Mifsud permezz ta' sentenza deċiża fit-tlettax (13) ta' Lulju elfejn u wieħed u għoxrin (2021) u dan bi ksur tal-Artikoli 7 u 23 ta' Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli għal-imsemmija reati, tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-imputat **David Scicluna** u kif ukoll tordna li l-ammonti stabbiliti fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skont kif il-Qorti tqis il-gravita' tar-reat;

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija fil-konfront tal-imputati tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u 532A *et seq*, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f’każ ta' ħtija tikkundanna lill imputati għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semgħet lill-Prosekuturi jaqraw u jikkonfermaw bil-ġurament l-akkużi;

Rat il-kunsens mogħti mill-Avukat Ġenerali fid-19 ta' Novembru 2023 a tenur tal-artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, biex il-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja;

Semgħet lill-imputat jiddikjara li m'għandux oġġezzjoni il l-każ jiġi trattat bl-proċedura sommarja;

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami jwieġeb li mhux ħati tal-akkużi u semgħet lill-imputati l-oħrajn iwieġbu li huma ħatja;

Rat illi l-imputati l-oħra *Omissis 1* u *Omissis 2* ġew ikkundannati b'sentenza mogħtija fid-19 ta' Novemru 2023;

Rat illi fil-5 ta' Frar 2024 ħarġet Ordni Provviżorju ta' Superviżjoni;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha akkwiżiti fl-atti;

Rat l-atti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-Prosekuzzjoni u d-difiża fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2024;

Semgħet ix-xhieda tal-Uffiċjal tal-Probation Marilyn Attard fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2024;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat bir-reat ta' attentat ta' serq aggravat u ħsara volontarja ta' diversi cables di proprjeta' ta' Go p.l.c.

Mill-fatti li jirriżultaw mill-atti u mill-provi jirriżulta illi fil-lejl bejn is-17 u t-18 ta' Novembru 2023 il-kumpannija Go p.l.c. irċieviet rapport li kien hemm ħsara f'xi cables tan-network tagħha. Mit-testijiet li saru dak il-ħin biex jiġi stabbilit fejn kien seħħ il-ħsara fl-apparat, irriżulta li din kienet lokalizzata f'żona li tiġi taħt il-mini tal-Ġnien tal-Argotti l-Furjana u l-indikazzjonjiet kienu li kien inqata' cable u l-każ ġie rapportat lill-Pulizija.

Meta l-Pulizija, fosthom PC 1443 Yan Saliba u diversi uffiċjali tar-Rapid Intervention Unit, marru fl-inħawi tal-Ġnien tal-Argotti għall-ħabta tal-4.00 a.m., innotaw persuna li kienet tidher qiegħda tirrombla u ġġorr xi cables f'waħda mill-mini li tgħaddi taħt il-Ġnien, liema persuna meta rat id-dawl tat-torċ tal-Pulizija, daħlet iktar 'il ġewwa fil-mina iżda wara tfittxija li saret fiż-żona, instabet tistaħba wara xibka u hemmhekk stess, mal-art, kien hemm il-cables li din il-persuna kien ġie osservat irembel meta ġie identifikat taħt il-mina, liema cables kienu imremblin u mdawrin bit-tape, lesti biex jiġu trasportati[1]. Kienu insabu wkoll iktar cables tul il-passaġġ, ftit passi 'l isfel, li wkoll kienu maqtugħin u rrumblati.

Din il-persuna ġiet identifikata bħala l-imputat David Scicluna[2] u mix-xhieda jirriżulta li meta saret tfittxija fuqu dak il-ħin, instab li kien liebes par ingwanti, u fil-pussess tiegħu nsabu wkoll torċ u mobile phone, baskett iswed li fih kien hemm diversi għodda inkluż serrieq u għodda li jaqtgħu[3], kif ukoll baskett ieħor ta' lewn abjad li nsab fih iċ-ċwievet tal-vettura li kienet qed tinstaq mill-istess David Scicluna[4]. F'din il-vettura, tal-għamla Daihatsu bin-numru ta' reġistrazzjoni BQZ-986, li kienet

---

[1] Xhieda ta' PS 1111 Braden Borg, 9 ta' Jannar 2024, u xhieda ta' PC 1443 Yan Saliba, 29 ta' novembru 2023.

[2] Ara xhieda ta' PS 1443 Yan Saliba, 29 ta' Novembru 2023, xhieda ta' PC 1235 David Mercieca, 9 ta' Jannar 2024 u xhieda ta' PC 606 Joseph Ellul, 31 ta' jannar 2024.

[3] Ara ritratti f'paġni 137 u 139 tal-atti tal-kompilazzjoni, parti minn Dok. BB1.

[4] Ara ċwievet u baskett abjad fir-ritratti f'paġni 145 sa 147 tal-atti, Dok. BB1.

ipparkjata eżatt fl-entratura tal-Ġnien[5] fi Triq is-Sarija kantuniera ma' Triq Vincenzo Bugeja, il-Furjana[6], il-Pulizija sabu barmil kontenenti diversi għodda fost oġġetti oħrajn inkluż tape, kif ukoll kartiera u files kontenenti dokumenti intestati lil David Scicluna[7]. Fil-passaġġ ħdejn il-mina fejn ġie osservat l-ewwel darba l-imputat, kif ukoll taħt il-mina nnifisha, insabu wkoll diversi cables oħrajn li kienu maqtugħin[8]. Waqt l-istess tfittxija ġew lokalizzati wkoll fiż-żona, żewġ suspettati oħrajn li kienu qed jistaħbew fil-mini taħt il-Ġnien tal-Argotti, *Omissis 1* u *Omissis 2* li wkoll instab fil-pussess tagħhom par ingwanti u pliers, fost oġġetti oħrajn.

Jirriżulta illi l-cable maqtugħ li nstab irremblat taħt il-mina kien tal-kumpannija Go p.l.c. u kien fih tul ta' xi mitt metru, liema cable kellu jiġi sostitwit bi spiża totali għall-kumpannija ta' €4,614.91[9]

L-imputat ma ressaqx provi u skont ma kellu kull jedd jagħmel, għażel li ma jixhidx għad-difiża tiegħu u eżerċita wkoll id-dritt tiegħu tas-silenzju meta kien ġie interrogat mill-Pulizija fit-18 ta' Novembru 2023[10].

Ikkunsidrat;

L-imputat qed jiġi mixli bir-reat ta' attentat ta' serq aggravat bil-valur u bil-ħin.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-involviment tal-imputat fir-reat ta' attentat ta' serq jirriżulta mhux biss mill-fatt illi huwa nstab jistaħba fuq il-lok tad-delitt liebes par ingwanti u b'diversi għodda fil-pussess tiegħu u kien ġie osservat inizzjalment taħt il-

---

[5] Ara xhieda ta' PS 1111 Braden Borg, 9 ta' Jannar 2024.

[6] Ara xhieda ta' C.O. Emerson Vella, 15 ta' Diċembru 2023

[7] Ara ritratti f'paġni 114 sa 116 tal-atti tal-kompilazzjoni, parti mir-relazzjoni Dok. BB1, u xhieda PS 1111 Braden Borg, 9 ta' Jannar 2024.

[8] Ritratti f'paġni 149 sa 151, u 176, 177 tal-atti tal-kompilazzjoni, parti minn Dok. BB1.

[9] Xhieda ta' Bernard Pace, 29 ta' Novembru 2023 u Dok. BP1, Dok. BP2.

[10] Ara stqarrija Dok. DB2.

mina waqt li kien qed irembel il-cable, iżda wkoll għaliex meta nsab wara l-fence qed jistaħba, kellu cable maqtugħ u rrumblat. Iktar minn hekk, is-sehem tiegħu fid-delitt ta' attentat ta' serq huwa kkonfermat ukoll mix-xhieda tal-kompliċi, Shardian Camilleri, li xehed illi l-imputat, David Scicluna, kien qallu li kien hemm xi cables tar-ram fl-inħawi tal-Belt u kien mar miegħu u ma' persuna oħra ta' nazzjonalita' barranija fi ġnien fl-inħawi tal-Belt biex jaqtgħu dawn il-cables ħalli jbiegħhom. Xehed li kien iltaqa' ma' David Scicluna f'dan il-ġnien u għaddew minn taħt reċint biex niżlu fil-post fejn kien hemm il-cables tal-GO taħt il-mina. Hemmhekk beda jgħin lill-persuna barranija biex jirrombla l-cables u hu dawwarhom bit-tape iżda hekk kif bdew itellgħuhom għal barra, ġew il-Pulizija u nqabdu.

L-istess verżjoni ta' fatti ġiet affermata minn Dominic Oziegbe, il-kompliċi l-ieħor li kien ġie arrestat fuq il-lok tad-delitt, li xehed illi l-imputat, David Scicluna, kien staqsieh jekk iridx jakkumpanjah fuq biċċa xogħol filgħaxija l-Belt. Wasal fuq il-post flimkien ma' persuna oħra Maltija għall-ħabta tas-1.30 a.m. fid-dlam u l-imputat qallu li kellhom jaqtgħu xi cables iżda waqt li kienu qed ineħħu l-cables li David kien qed jaqta' bil-grinder[11], ġew il-Pulizija.

Minn qari tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 41 tal-Kodiċi Kriminali jirriżulta illi għall-prova tat-tentattiv ta' delitt, jeħtieġ li jintwera l-konkorrenza ta' tliet rekwiżiti:-

1. Atti esterni li juru l-intenzjoni tal-persuna li tikkometti reat.
2. Il-bidu tal-eżekuzzjoni tad-delitt.
3. In-nuqqas ta' eżekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta' tal-aġent.

Illi ghalhekk, qabel xejn jeħtieġ li jiġi ppruvat li ġew imwettqin atti preparatorji u esterni li jimmanifestaw il-ħsieb espress tal-aġent li jikkommetti delitt speċifiku. Madankollu dawn l-atti preparatorji fihom infushom u waħedhom m'humiex biżżejjed

[11] Ara ritratti tal-grinder, f'paġna 144 tal-atti tal-kompilazzjoni, parti minn Dok. BB1.

biex jikkostitwixxu t-tentattiv ta' delitt taħt l-artikolu 41 tal-Kap. 9 jekk l-aġent ma jkunx ta wkoll bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt.

Il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu jgħid hekk:-

"*To intend to commit a crime is one thing; to get ready to commit it is another; to try to commit it is a third. We may say indeed that every intentional crime involves four distinct stages – Intention, Preparation, Attempt and Completion. Action in pursuance of the intent is not commonly criminal if it does no more than manifest the mens rea, nor if it goes no further than the stage of preparation."*

Id-distinzjoni bejn l-azzjonijiet li jikkostitwixxu biss atti preparatorji u dawk li jiffiguraw bħala l-bidu tal-eżekuzzjoni tad-delitt, hija waħda notorjament diffiċli iżda l-Professur Mamo jagħmel is-segwenti osservazzjonjiet fir-rigward:-

"*So long as an overt act, whether in itself or by reason of the circumstances surrounding it, does not clearly show that it is directed to a criminal purpose, it cannot be regarded as an act of execution of a crime, because no act which in itself and in appearance is or can be innocent can be considered as a commencement of another offence. When, however, it appears clear that such act was directed to a criminal purpose, then, in order to decide whether such act represents a commencement of the execution of the crime it must be seen whether it forms part of that series of acts which, in their natural completeness would constitute the actual commission of the crime. If the act forms an integral part of this series of acts which in their completeness would consummate the crime, that act is one of execution. If, on the contrary, the act merely precedes the criminal action, to which it was directed and is such that, however much repeated, it could never accomplish the consummation of that crime, the act is not an act of execution.*"

Applikat dan l-insenjament għall-fatti li jirriżultaw mill-provi, il-Qorti tosserva illi huwa ppruvat b'mod inkonfutabbli li l-imputat ġie identifikat fil-Ġnien tal-Argotti, il-

Furjana, fil-lok fejn kienu għaddejjin xi cables tal-kumpannija Go p.l.c., biss ftit tal-ħin wara l-istess kumpannija rrapportat ħsara fil-cables li kienu għaddejjin fl-istess żona. Din il-ħsara jirriżulta li saret b'riżultat tal-qtugħ ta' għadd ta' cables li kienu għaddejjin taħt il-mina tal-Ġnien tal-Argotti, liema cables fil-fatt instabu fl-art maqtugħin, irromblati u mdawrin bit-tape lesti biex jinġarru u dan sija fl-art fejn kien qed jistaħba l-imputat kif ukoll taħt il-mina fejn ġie identifikat inizzjalment fil-proċess li jirrembla l-cables. Huwa stabbilit ukoll li meta nqabad, l-imputat kien qed jistaħba wara xibka u kellu fil-pussess tiegħu ingwanti u diversi għodda li jaqta', inkluż serrieq u għadd ta' għodda oħra fil-vettura li kien wasal biha fuq il-post.

Din l-evidenza ċirkostanzjali fl-assjem tagħha tnissel inferenza qawwija ta' fatt illi l-imputat mhux biss kien wettaq atti esterni u preparatorji li jimmanifestaw il-ħsieb li jaqta' l-cables - liema atti allura jikkonsistu fil-ġarr ta' għodda li jintużaw biex jaqtgħu u l-ilbies ta' ingwanti - iżda tabilħaqq kien ukoll materjalment ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' serq billi qata' l-istess cables u rrumblahom b'mod li setgħu jinġarru minn fuq il-post. Inferenza li ġiet konkretizzata bix-xhieda taż-żewġ kompliċi li l-imputat kien qabbadhom biex jgħinuh fid-delitt ta' serq u ħsara volontarja, liema xhieda kkonfermaw bla tlaqliq li l-intenzjoni tagħhom meta qatgħu il-cables, irromblawhom u dawwruhom bit-tape, kienet xejn għajr li jġorruhom minn fuq il-post u jbiegħhom. Biss id-delitt ta' serq ma ġiex eżegwit minħabba l-wasla u l-intervent f'waqthom tal-Pulizija li sfrattaw id-delitt meta waslu fuq il-post u sabu lill-istess imputat taħt il-mina qiegħed irembel cables maqtugħin u in segwitu sabuh ukoll qed jistaħba b'cables maqtugħin ħdejh mal-art: tabilħaqq dan l-intervent jikkostitwixxi l-ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tal-imputat imsemmija fil-paragrafu (a) tal-artikolu 41 tal-Kodiċi Kriminali.

Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt illi ma nġabitx prova li l-imputat kien qed jgħabbi l-cables fil-vettura tiegħu jew li qatta' ħin mhux negliġbbli fil-ġnien mingħajr ma pprova jitlaq minn fuq il-post bl-istess cables, huwa immaterjali, għaliex il-prova li dawn il-cables maqtugħin kienu qed jiġu irremblati mill-imputat u ġew ukoll minnu spostati mil-lok fejn kienu għaddejjin taħt il-mina, tant li nstabu mal-art viċin ix-xibka li kien qed

jistaħba warajha, hija biżżejjed biex jikkonvinċu lill-Qorti li dawn l-azzjonijiet kienu jifformaw parti minn serje ta' atti li, kieku ġew kompletati, kienu jikkolminaw fit-teħid tal-cables minn ġewwa l-Ġnien.

Tant hu hekk, hija wkoll il-fehma tal-Qorti li tabilħaqq l-ispostament fih innifsu ta' wħud mill-cables li kienu għaddejjin taħt il-mina jikkostitwixxi r-reat ikkonsmat ta' serq il-għaliex il-cables ma baqgħux fil-post fejn kienu istallati, ċioe' taħt il-mina, iżda kienu qed jiġu rremblati mill-imputat u wħud minnhom laħaq ġarrhom ħdejn ix-xibka fejn kien ġie misjub jistaħba. Madankollu, il-Qorti ma tistax issib ħtija għar-reat ikkonsmat ta' serq il-għaliex l-akkuża fiċ-ċitazzjoni ġiet imfassla espressament bil-kliem tal-artikolu 41(1)(a) tal-Kap. 9 u ma ġiex mixli wkoll bir-reat ikkonsmat.

Għandu jingħad ukoll għall-kompletezza, u sabiex jiġi trattat l-argoment tad-difiża fit-trattazzjoni finali, illi l-oġġetti li l-imputat kellu l-intenzjoni speċifika li jisraq, ċioe' l-cables għaddejjin fil-mina taħt il-Ġnien tal-Argotti li ġew maqtugħin u li huwa instab fil-proċess li jirromblahom, ma kienux *res nullius* u lanqas *res derelicta* għaliex dawn kienu ġew istallati mill-kumpannija Go p.l.c., kienu għaddejjin fihom diversi servizzi u kienu jifformaw parti min-network tas-sistema ta' telekomunikazzjonijiet li tappartjeni lill-istess kumpannija. Kemm hu hekk, il-qtugħ tal-cables (*fibre cables*[12]) ikkaġuna ħsarat fis-sistema adoperata mill-kumpannija u l-cables imħassrin kellhom jiġu sostiwtiti. Il-fatt illi l-cables kienu għaddejjin jew istallati f'post pubbliku jew post li kien aċċessibbli għall-pubbliku ma jagħmel xejn biex inaqqas mill-konvinċiment tal-Qorti li l-imputat ma setax kien taħt żball, wisq inqas żball ġenwin, dwar in-natura tal-oġġetti li kien qed jipprova jisraq. Kemm hu hekk, huwa wettaq din l-attivita' bil-lejl, fid-dlam, bl-użu ta' torċ, meta kieku l-oġġetti kienu tassew mormijin, żgur ma kienx ikollu jieħu l-brigu biex iġorrhom minn fuq il-post fid-dlam u lanqas kien ikollu bżonn jistaħba meta ġie osservat taħt il-mina jirrembla l-cables. Il-fatt li l-cables kienu istallati u kellhom bżonn jinqatgħu ukoll ikompli jinnewtralizza l-argoment tad-difiża li l-cables kienu abbandunati.

---

[12] Ara xhieda ta' Bernard Pace, 29 ta' Novembru 2023.

Il-provi jistabbilixxu wkoll li l-imputat kien wieħed mill-persuni li kienu għamlu ħsara fil-cables tal-kumpannija Go p.l.c. fejn l-ammont tal-ħsara jeċċedi s-somma ta' €2,500, u allura kkommetta id-delitt taħt l-artikolu 325(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali. Jirriżulta wkoll li l-istess att, ċioe' l-qtugh u kwindi l-ħsara li twettqet fil-cables u l-ispostament tagħhom minn fuq il-post, ta lok għall-ksur ta' iktar minn dispożizzjoni waħda tal-liġi u jikkostitixxi iktar minn reat wieħed u konsegwentement, huwa applikabbli l-prinċipju tal-konkorrenza formali ta' reati u pieni b'dan li għandha tingħata l-piena biss għar-reat l-iktar gravi ċioe' l-attentat ta' serq aggravat.

Kif ingħad diġa' l-imputat huwa mixli li kkommetta attentat ta' serq li huwa aggravat bil-kwalifiki tal-valur u l-ħin. Il-kwalifika tal-valur kif maħsub fl-artikolu 267 tal-Kodiċi Kriminali hija ppruvata sodisfaċjentement bix-xhieda ta' Bernard Pace, u l-invoices esebiti minnu li juru li t-total tal-ispejjeż meħtieġa għar-rimpjazzament tal-cables imħassrin, huwa fis-somma ta' €4,614.91, liema somma teċċedi dik ta' €232.94. Il-Prosekuzzjoni fiċ-ċitazzjoni akkużat lill-imputat bit-tentattiv ta' serq billi użat espressament il-kliem tar-reat li jirrientra fid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 279(a) tal-Kodiċi Kriminali, ċioe' it-tentattiv ta' serq kwalifikat bil-valur fejn il-valur tal-ħaġa misruqa jeċċedi s-somma ta' €232.94 iżda ma jeċċedix is-somma ta' €2,329.37. Mill-provi huwa stabbilit illi l-ispejjeż totali li jridu jintefqu mill-kumpannija Go p.l.c biex issewwi l-cables maqtugħin, jammontaw għas-somma ta' €4,614.91 liema somma teċċedi dik ta' €2,329.37. Madankollu, l-artikolu 267 tal-Kap. 9 jipprovdi li s-serq huwa kwalifikat bil-valur meta **l-ħaġa misruqa** tkun tiswa aktar minn €232.94. Dan ifisser li l-kwalifika tal-valur hija marbuta mal-valur intrinsiku tal-ħaġa misruqa u mhux mal-ispejjeż li jridu jintefqu biex il-ħaġa misruqa tiġi msewwija jew rimpjazzata, u dan diversament mir-reat taħt l-artikolu 325 tal-Kap. 9 fejn il-piena hija stabbilita skont **il-valur tal-ħsara kkaġunata bil-kommissjoni tar-reat**.

Mill-provi jirriżulta li l-prezz tal-cable li ġie maqtugħ minn postu u ddanneġġjat, huwa €1,251.16, u fil-fehma tal-Qorti, hija din is-somma li tirrappreżenta l-valur tal-ħaġa

misruqa għall-fini tar-reat ta' tentattiv ta' serq aggravat bil-valur, valur li għalhekk jirrientra fil-parametri tal-artikolu 279(a) tal-Kodiċi Kriminali.

Huwa wkoll stabbilit b'mod inkonfutabbli mix-xhieda li d-delitti ġew kommessi bil-lejl u fid-dlam u għalhekk il-kwalifika tal-ħin hija wkoll ippruvata.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat David Scicluna huwa mixli wkoll bir-reat taħt l-artikolu 579(2) tal-Kap. 9 għaliex allegatament, kiser il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu b'żewġ digrieti ta' din il-Qorti diversament preseduta: wieħed mogħti fit-18 ta' Awwissu 2022 mill-Maġistrat Dr. Monica Vella, u ieħor mogħti mill-Qorti Kriminali fis-16 ta' Mejju 2023.

Kopja awtentikata tad-digriet datat 16 ta' Mejju 2023 (Dok. PC1) ġiet esebita bil-ġurament tal-Ispettur Paul Camilleri, l-Uffiċjal Prosekutur fil-proċeduri kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Paul Camilleri) v. David Scicluna** (Kumpilazzjoni Numru 307/2023) li fihom ġie mogħti l-imsemmi digriet. Huwa xehed illi sa dakinhar tad-depożizzjoni tiegħu, fil-31 ta' Jannar 2024, dawk il-proċeduri kienu għadhom pendenti quddiem din il-Qorti diversament preseduta, ma kienx hemm varjazzjoni fil-kundizzjonijiet imposti fl-istess digriet u kkonferma li jagħraf lill-imputat odjern David Scicluna, bħala l-imputat fil-proċeduri msemmija. Minn eżami tal-imsemmi digriet tas-16 ta' Mejju 2023, l-imputat kien ordnat bħala waħda mill-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, illi "*jirrinkaża ruħu kuljum, ħdud u festi inklużi, fid-9.00 p.m.*" (kundizzjoni bin-numru 2)

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi fil-kundizzjoni imposta fuq l-imputat li "*jirrinkaża ruħu*", la hemm imsemmi espressament l-indirizz tar-residenza li fiha jeħtieġ li jkun rinkażat, u iktar importanti minn hekk, lanqas ma hemm imsemmi l-limitu tal-ħin li fih jrid jibqa' rinkażat. Fil-fehma tal-Qorti, din il-kundizzjoni kif imfassla m'hijiex enforzabbli għaliex fin-nuqqas tal-indikazzjoni espressa tal-parametri tal-perijodu tal-

ħin tar-rinkażar, hija ma tistax tispekola dwar dak li kellha f'moħħha l-Qorti Kriminali meta imponiet il-kundizzjoni tar-rinkażar. Dan qed jingħad għaliex id-deċiżjoni dwar il-ħin tar-rinkażar tkun ittieħdet mill-Qorti Kriminali, preżumibbilment, wara konsiderazzjonijiet magħmula abbażi tal-provi li jkunu nġiebu u s-sottomissjonijiet li jkunu saru quddiemha mill-partijiet speċifikatament għall-fini tat-talba għall-ħelsien mill-arrest, u din il-Qorti ma għandiex quddiemha l-atti proċesswali ta' dik il-kawża. **Fi kwalsiasi każ, pero', minkejja li huwa ppruvat li l-imputat kien barra wara d-9.00 p.m. – għaliex ġie arrestat fil-Ġnien tal-Argotti il-Furjana għall-ħabta tal-4.00 a.m. – ma hemm xejn x'jindika li ma setax kien barra leġittimament f'dawk il-ħinijiet u għaldaqstant jeżisti dubju serju dwar jekk l-imputat kinex obbligat li ma jkunx barra fil-ħin meta effettivament ġie misjub barra u dan d-dubju għandu jmur favur l-istess imputat bl-applikazzjoni tal-prinċipju *in dubio pro reo*.**

Iżda l-Prosekuzzjoni esebiet ukoll bil-ġurament tal-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Darryl Borg, kopja awtentikata tad-digriet mogħti minn din il-Qorti diversament preseduta, fit-18 ta' Awwissu 2022 (Dok. DB4) fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Darren Buhagiar) v. David Scicluna**. Għalkemm ma nġabitx xhieda diretta illi l-imputat li ngħata l-ħelsien mill-arrest fl-imsemmija proċeduri kriminali, huwa l-imputat David Scicluna, u lanqas tressqet il-prova li l-proċeduri kienu għadhom pendenti fiż-żmien tar-reati mertu tal-kawża odjerna, fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2024 id-difiża reġistrat is-segwenti dikjarazzjoni fl-atti: "*Id-difiża qiegħda tiddikjara li hemm qbil li l-proċeduri fl-ismijiet '***Il-Pulizija Spettur Darren Buhagiar v. David Scicluna***', fejn l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest fit-18 ta' Awwissu 2022, għadhom għaddejjin u li l-istess kundizzjonijiet għadhom fis-seħħ u għaldaqstant qiegħda teżenta lill-Prosekuzzjoni milli tipproduċi prova dwar dan.*" In vista ta' din id-dikjarazzjoni, il-Qorti tqis illi huwa debitament ippruvat illi fiż-żmien tal-kommissjoni tar-reat ta' tentattiv ta' serq fid-19 ta' Novembru 2023, l-imputat kien meħlus mill-arrest taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu indikati f'Dok. DB4, inkluż għalhekk il-kundizzjoni bin-numru 4, ċioe' "*li ma tikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest*".

Billi qed jinsab ħati tar-reat ta' tentattiv ta' serq aggravat kommess fid-19 ta' Novembru 2023 meta evidentement, il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuq l-imputat odjern bis-saħħa tad-digriet tat-18 ta' Awwissu 2023 kienu għadhom fis-seħħ, l-imputat għandu jinsab ħati wkoll tar-reat taħt l-artikolu 579(2) tal-Kap. 9 talli kiser il-kundizzjoni li ma jikkommettiex delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest (kundizzjoni bin-numru 4 tal-imsemmi digriet).

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat qed jiġi mixli wkoll bħala reċidiv taħt l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali.

Jinsab ippruvat sodisfaċjentement mill-kopji awtentikati tas-segwenti sentenzi li ġew esebiti fl-atti bil-ġurament tal-Uffiċjal Prosekutur, debitament ittimbrati u ffirmati mid-Deputat Reġistratur tal-Qorti li erogat is-sentenzi rispettivi:-

1. Sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-10 ta' Jannar 2019 fejn il-ħati, David Scicluna li għandu l-istess konnotati identiċi tal-imputat odjern, ġie kkundannat tliet (3) snin priġunerija (Dok. DB1); u
2. Sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-16 ta' Diċembru 2014 fejn il-ħati, David Scicluna li għandu l-istess konnotati identiċi tal-imputat odjern, ġie kkundannat sena priġunerija liema sentenza ġiet sospiża għal sentejn bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28A tal-Kap. 9.

Ġie esebit ukoll mill-Uffiċjal Prosekutur, kopja awtentikata iffirmat u ttimbrat mid-Deputat Reġistratur, ta' ċitazzjoni ppreżentata fil-25 ta' Mejju 2021 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Melvin Zammit) v. David Scicluna** quddiem din il-Qorti diversament preseduta, fejn l-imputat għandu l-istess konnotati identiċi tal-imputat odjern David Scicluna (Dok. DB3). Bħala parti mill-istess dokument Dok. DB3, ġie esebit ukoll kopja awtentikata ta' verbal tas-seduta li nżammet fit-13 ta' Lulju 2021,

liema verbal ġie ffirmat mid-Deputat Reġistratur tal-Qorti, fejn ġie reġistrat *inter alia* "*Il-Qorti qiegħda tagħtih ordni ta' probation ta' 3 snin millum.*"

Il-Qorti sejra tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet dwar Dok. DB3, liema konsiderazzjonijiet jgħoddu sija għall-addebitu tar-reċidiva u sija wkoll għall-imputazzjoni bin-numru 4 fiċ-ċitazzjoni fejn l-imputat qed jiġi mixli taħt l-artikolu 23 tal-Att dwar il-Probation, li kkommetta reat waqt li kien taħt ordni ta' probation.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, verbal ta' seduta iffirmat mid-Deputat Registratur tal-Qorti ma huwiex sentenza. Sentenza għandha tkun iffirmat mill-maġistrat, f'dan il-każ, u mhux mid-Deputat Reġistratur u filwaqt illi huwa minnu li l-kopja legali tas-sentenza tinħareġ u tiġi ffirmata mid-Deputat Reġisratur sabiex din tingħata forza probatorja, fil-każ in diżamina, id-dokument esebit m'huwiex sentenza iżda verbal ta' seduta. Tant hu hekk, ma fihx riproduzzjoni tal-akkużi li ġie mixli dwarhom u r-reati li nsab ħati dwarhom, u lanqas ma fih isem il-ħati jew l-artikoli tal-liġi li jikkontemplaw ir-reati li dwarhom ġie kkundannat. Il-Qorti, mingħajr ma tirkorri għal spekolazzjoni, ma tirravviża ebda ness konklussiv bejn il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Lulju 2021 u ċ-ċitazzjoni li flimkien jifformaw Dok. DB3, għajr għall-isem tal-Ispettur Melvin Zammit u l-isem tal-imputat.

Iżda fuq kollox, id-dokument ma fih ebda dikjarazzjoni ta' ħtija wisq inqas dikjarazzjoni ta' ħtija għal xi reat partikolari u bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista' jitqies bħala sentenza għall-finijiet tal-prova ta' "*kundanna għal reat b'sentenza*" skont kif meħtieġ mill-artikolu 49 tal-Kap. 9. Barra dan il-fatt illi d-dokument ma jissodisfa ebda wieħed mir-rekwiżiti tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali li jispeċifika dak li għandu jkun fiha sentenza. Dan jiddisponi hekk:-

"*Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.*"

B’żieda ma’ dan kollu, u in kwantu dan id-dokument inġieb bħala prova għall-fini wkoll tar-raba’ imputazzjoni taħt l-artikolu 23 tal-Att dwar il-Probation, għandu jingħad ukoll illi l-fatt li m’huwiex ippruvat kif imiss li ċ-ċitazzjoni f’Dok. DB3 fiha r-reati li dwarhom ingħata ordni ta’ probation fil-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Lulju 2021, il-Qorti hija f’kull każ prekluża milli tittratta lill-ħati għar-reati li dwarhom instab ħati: mhux biss għaliex kif ingħad diġa’, ma hemm ebda dikjarazzjoni jew sejbien ta’ ħtija fl-imsemmi verbal, iżda wkoll għaliex hija nieqsa l-indikazzjoni tal-artikoli tal-liġi li jikkontemplaw ir-reati li dwarhom kellha tinsab ħtija.

Il-Qorti qiegħda taddotta din it-tifsira restrittiva għaliex hawnhekk ninsabu fil-kamp kriminali fejn deċiżjoni dwar ħtija jkollha konsegwenzi punittivi inkluż sanzjonijiet li jnaqqsu l-liberta’ tal-ħati u għalhekk, għandha timxi bl-iktar kawtela u tassigura li tkun inġiebet prova kif imiss u fil-grad meħtieġ għal sejbien ta’ ħtija kriminali, qabel toħroġ dikjarazzjoni ta’ ħtija u timponi sanzjonijiet penali.

Fi kwalsiasi każ, hija l-fehma tal-Qorti li l-verbal tas-seduta b’indikazzjoni tas-sanzjoni li ngħatat lill-ħati (mhux identifikat) m’hijiex l-aħjar prova ta’ kundanna kif teħtieġ il-liġi għall-prova tar-reċidiva. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason James Agius** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut:

*"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` ... l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ...."*

Fi kwalsiasi każ, il-ħati fid-dokument datat 13 ta' Lulju 2021 ma ġiex ikkundannat għal reat iżda minflok, inħareġ fir-rigward tiegħu Ordni ta' Probation. Huwa risaput illi s-sanzjonijiet komunitarji u l-liberazzjoni kondizzjonata jew inkondizzjonata, ipotetizzati taħt l-Att dwar il-Probation, ma jitqiesux bħala piena iżda jingħataw "*minflok tagħti sentenza dwar il-ħati*"[13] u għalhekk, l-imputat imqiegħed taħt Ordni ta' Probation ma jistax jiġi kkunsidrat bħala reċidiv peress illi huwa nieqes l-element tal-kundanna għal reat bl-impożizzjoni, f'sentenza, ta' waħda mill-pieni maħsuba fl-artikolu 7 tal-Kodiċi Kriminali.

Lanqas ma jikkostitwixxi l-imsemmi verbal, l-aħjar prova tas-sanzjoni komunitarja, f'dan il-każ, ordni ta' probation, għaliex imkien ma hemm il-firma tal-maġistrat li kien qed jippresjedi l-Qorti fuq id-dokument li l-Prosekuzzjoni tallega li hija sentenza, u lanqas ma ġiet esebita l-ordni ta' probation iffirmat mill-Qorti li erogatu.

Illi stabbilit dan kollu, il-Qorti tqis illi r-raba' imputazzjoni ma ġiex ippruvata u l-imputat ma jistax jinsab ħati li kkommetta reat waqt li kien taħt ordni ta' probation, abbażi ta' Dok. DB3. Apparti dan id-dokument, il-Prosekuzzjoni ma esebiet ebda dikjarazzjoni oħra ta' ħtija minn xi qorti fejn l-imputat odjern ġie mqiegħed taħt ordni ta' probation. Għaldaqstant l-imputat għandu jiġi liberat mir-raba' imputazzjoni.

Iżda lura għall-addebitu tar-reċidiva.

Huwa ppruvat sodisfaċjentement illi l-imputat ġie kundannat għal delitti permezz ta' żewġ sentenzi (Dok. DB1 u Dok. DB2) u llum qiegħed jinsab ħati dwar reati oħrajn sussegwentement kommessi minnu. Għalhekk għandu jitqies bħala recidiv għall-fini tal-artikolu 49 tal-Kap. 9. Għandu jingħad illi d-difiża ma kkontestat bl-ebda mod li dawn iż-żewġ sentenzi ma humiex *res judicata* u ma qanqlet ebda preġudizzjali li ma ngħabitx prova li s-sentenzi saru definittivi u ma ġewx mibdula. Il-Qorti tirribadixxi illi meta tiġi esebita kopja legali tas-sentenza li tkun waħħlet piena lill-ħati li mbagħad jiġi ppruvat li huwa l-istess persuna tal-imputat odjern, din titqies li hija prova

[13] Artikolu 7(1) tal-Kap. 446.

suffiċjenti tar-reat tar-reċidiva u mhux meħtieġ il-prova speċifika li s-sentenza ma ġietx appellata fin-nuqqas ta' kontestazzjoni fir-rigward mid-difiża. Ghaldaqstant, f'dan il-kaz, il-Qorti hija sodisfatta bil-prova tar-reċidiva li saret bis-sentenzi Dok. DB1 u Dok. DB2, għall-finijiet tal-artikolu 49 tal-Kap. 9.

L-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi illi meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.

Dan ifisser illi biex persuna titqies bħala reċidiv taħt l-Artikolu 50 tal-Kap. 9, jeħtieġ li jiġi ppruvat li (i) l-piena għad-delitt li dwaru l-persuna ġiet ikkundannata tkun ġiet skontata u (ii) il-persuna tikkommetti delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn meta ġiet skontata l-piena jekk iż-żmien tal-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin fil-każijiet l-oħra kollha.

Fir-rigward, is-subartikolu (5A) tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 jipprovdi:-

"*Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28F, il-piena mogħtija f'sentenza sospiża meta dik is-sentenza ma tkunx daħlet fis-seħħ għandha, għall-finijiet tal-artikolu 50,* ***titqies li tkun ġiet skontata mal-iskadenza tal-perjodu operattiv oriġinali*** *msemmi fis-subartikolu (1) jew tal-perjodu operattiv magħmul minfloku kif provdut fl-artikolu 28B(2)(b).*" (enfasi tal-Qorti)

Fir-rigward is-sentenza erogata fis-16 ta' Diċembru 2014, il-piena ta' sena priġunerija kellha titqies li ġiet skontata mal-iskadenza tal-perijodu operattiv ta' sentejn, u ċioe', fis-16 ta' Diċembru 2016. Minn din id-data sad-data tal-kommissjoni tar-reat tat-tentattiv ta' serq aggravata fid-19 ta' Novembru 2023 għaddew iktar minn ħames snin u għalhekk, billi l-piena ma kienetx ta' iktar minn ħames snin, ma jistax jingħad illi l-

imputat qed jinsab ħati ta' delitt li ġie kommess fi żmien ħames snin mid-data li fiha ġiet skontata l-piena.

Iżda fir-rigward tas-sentenza mogħtija fl-10 ta' Jannar 2019, fejn l-imputat ġie kkundannat tliet snin priġunerija, ma għaddewx ħames snin mid-data li din il-piena ġiet skontata f'Jannar 2022 u konsegwentement, inġiebet prova kif imiss li l-imputat huwa reċidiv taħt l-artikolu 50 tal-Kap. 9. Billi wkoll l-imputat ġie kkundannat b'din is-sentenza għad-delitt ta' serq, għandu jitqies li huwa reċidiv ukoll għall-fini tal-artikolu 289 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena l-Qorti rat il-fedina penali oneruża tal-imputat li diversi drabi ġie kkundannat għal reati kriminali u bosta drabi għad-delitt ta' serq.

Jirriżulta li l-imputat kien ibati, talanqas sa żmien riċenti, minn dipendenza fuq id-droga. Mix-xhieda tal-Uffiċjal tal-Probation li ġiet maħtura biex issegwi lill-imputat taħt Ordni Provviżorju ta' Superviżjoni maħruga fil-5 ta' Frar 2024 iżda kienet ilha ssegwih ukoll qabel, il-Qorti fehmet illi għalkemm jgħaddi minn perijodi pożittivi fejn iżomm kuntatt regolari mal-uffiċjal tal-probation u jattendi għal sessjonijiet ipprovduti mill-istituzzjonijiet li jagħtu għajnuna lill-persuni dipendenti fuq id-droga, l-istorja tiegħu hija waħda pjuttost erratika.

Madankollu, jirriżulta illi riċentement l-imputat kien qed jirreġistra progress ftit ftit billi t-testijiet sottomessi għal analiżi kienu qed jirreġistraw fin-negattiv għal sustanzi illeċiti. Progress li mix-xhieda tal-Uffiċjal tal-Probation Marilyn Attard mogħti fl-20 ta' Novembru 2024, jidher li ġie konsolidat il-għaliex mill-informazzjoni li rċeviet mingħand l-Aġenzija Caritas, l-imputat ilu jattendi għal sessjonijiet fl-istess Aġenzija fuq bażi regolari sal-aħħar ta' Ottubru 2024 u l-aħħar żewġ kampjuni li rrilaxxa fil-1 ta' Ottubru 2024 u fil-15 ta' Ottubru 2024 fl-Aġenzija Caritas ukoll ma rriżultawx pożittivi għall-użu ta' sustanzi illeċiti. Kemm hu hekk, il-kampjuni kollha li ġew

sottomessi lill-Uffiċjal tal-Probation sa Ġunju 2024 kienu negattivi għal sustanzi illeċiti. Huwa minnu illi l-imputat baqa' ma attendiex iktar ġewwa l-Aġenzija Caritas mill-31 ta' Ottubru 2024 'il quddiem u huwa minnu wkoll illi ma attendiex lanqas għall-appuntamenti skedati mal-Uffiċjal tal-Probation sa minn Ġunju 2024, iżda l-istess Uffiċjal tal-Probation enfasizzat li l-imputat qatt ma "*sparixxa*" għaliex dejjem jibqa' f'kuntatt regolari magħha permezz ta' telefonati, messaġġi kif ukoll *audio messages* biex jaġġornaha dwar l-andament tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam ma' xogħol u relazzjonijiet mal-familja tiegħu, speċjalment ma' ommu. Ukoll, kull darba li ma jattendix għall-appuntamenti dejjem avażaha jew spjega r-raġuni għan-nuqqas ta' attendenza. Saħqet li l-imputat jgħaddi minn fażijiet li jkunu negattivi meta jkollu *relapse* minħabba l-vizzju tad-droga iżda fil-preżent, jidher li l-andament huwa wieħed pożittiv għaliex għandu xogħol u s-sitwazzjoni ma' ommu wkoll jidher li hi waħda tajba. Saħqet ukoll li l-imputat għandu ħiliet u huwa kapaċi għax-xogħol iżda sottolinejat li jeħtieġ juri iktar impenn għal dak li għandu x'jaqsam mal-attendenza fiżika għall-appuntamenti magħha kif ukoll l-Aġenzija Caritas, biex ma jintilifx il-progress kollu u r-ritmu tajjeb li jidher li kien qabad u biex jekk ikun il-każ li jkun jeħtieġ li jiġi riferut għand psikologu minħabba sfidi fuq dan il-livell, dan ikun jista' jsir fil-prattika.

Il-Qorti, fiċ-ċirkostanzi, ma tqisx li għandha ttellef lill-imputat mill-progress li jidher li qed jagħmel mill-aspett tal-konsum tad-droga u fuq livell personali u temmen li bi ftit iktar sforz u impenn, jista' jinħeles mill-passat tad-droga u jagħlaq dan il-kapitolu twil u sfortunat fil-ħajja tiegħu, darba għal dejjem. Għaldaqstant sejra tagħti lill-imputat **<u>l-aħħar opportunita'</u>** biex jikkonsolida kull progress li laħaq għamel u jevita l-inċidenza ta' *relapse* ieħor, u dan billi jkompli jiġi sorveljat mill-uffiċjal tal-Probation u jingħata l-għajnuna li jeħtieġ inkluż fuq livell psikoloġiku. Iżda tagħmilha ċar li l-imputat għandu jagħmel ħiltu biex jislet b'mod attiv il-benefiċċju sħiħ ta' din l-opportunita' ta' sanzjoni komunitarja, u ma jistax jistenna lil min jiġri warajh biex jagħtih l-assistenza, bħalma donnu għamel fil-passat, u mbagħad ipprova jwaħħal f'xi nuqqasijiet fis-servizzi offruti jew provduti biex jiġġustifika l-għala reġa' qabad it-triq tal-kriminalita', meta jirriżulta li kien huwa stess li naqas milli jżomm l-

appuntamenti mal-Uffiċjal tal-Probation. Għalhekk għandu jkun ċar li din ser tkun l-aħħar darba li l-imputat ser jingħata sanzjoni fil-komunita' jekk jirriżulta li ma jkunx wera l-impenn meħtieġ u ma jkunx segwa b'mod serju d-direttivi tal-Uffiċjal tal-Probation u jerġa' jaqbad it-triq tal-kriminalita'.

Il-Qorti m'hijiex prekluża milli tapplika fil-konfront tal-imputat waħda mis-sanzjonijiet maħsuba fl-Att dwar il-Probation għaliex kif diġa' ġie stabbilit, l-imputat mhux qed jinsab ħati tar-raba' imputazzjoni ċioe' li kkommetta reat waqt li kien taħt Ordni ta' Probation u għalhekk, m'hijiex marbuta bid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 23(1)(2) tal-Kap. 446. Iżda hija prekluża minħabba li huwa reċidiv taħt l-artikolu 50 tal-Kap. 9 li tapplika d-dispożizzjoniijet tal-artikolu 28A tal-istess Kodiċi Kriminali. Barra minn hekk, il-piena massima għad-delitt ta' tentattiv ta' serq aggravat ma teċċedix seba' snin priġunerija, anke jekk jiġu applikati wkoll id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 17(b) tal-Kodiċi Kriminali minħabba l-konkorrenza materjali tar-reat taħt l-artikolu 579(2) tal-Kap. 9.

Jeħtieġ ukoll li l-imputat jingħata Ordni ta' Trattament biex jieħu l-kura u trattament psikoloġiku li jista' jirriżulta li għandu bżonn flimkien mat-trattament tal-vizzju tad-droga.

Barra dan kollu, l-imputat għandu jiġi ordnat iħallas lil Go p.l.c sehem ta' terz mis-somma ta' €4,614.91 rappreżentanti l-ispejjeż tar-rimpjazzament tal-cables imħassrin u dan bis-saħħa ta' ordni mogħtija taħt l-artikolu 24 tal-Kap. 446.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li ma ssibx ħtija għat-tieni u għar-raba' imputazzjonijiet addebitati biss lill-imputat David Scicluna dwar il-ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fid-digriet mogħti mill-Qorti Kriminali fis-16 ta' Mejju 2023 u dwar il-ksur ravvizat fl-artikolu 23 tal-Att dwar il-Probation, rispettivament, wara li rat l-artikoli 17, 31, 41(1)(a), 49, 50, 261(ċ)(f), 267, 270, 279(a), 280(1), 289, 325(1)(a) u 579(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil DAVID SCICLUNA ħati tal-**

imputazzjonijiet kollha l-oħra, iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation, tqiegħdu taħt Ordni ta' Probation għal żmien tliet (3) snin taħt il-kundizzjonijiet elenkati fl-Ordni mogħtija kontestwalment li tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

Il-Qorti fissret lill-ħati, bi kliem li huwa jifhem, x'ikun l-effett tal-Ordni tal-Probation u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu miegħu jew jagħmel xi reat ieħor, jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali, u l-ħati esprima ir-rieda tiegħu li jikkonforma mal-ħtiġiet ta' dik l-Ordni.

Tordna wkoll il-ħrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati a tenur tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien tliet (3) snin biex jingħata t-trattament meħtieġ biex jegħleb il-vizzju u d-dipendenza fuq id-droga, u biex jindirizza l-problemi u l-isfidi psikoloġiċi tiegħu.

Għall-fini tal-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna l-konfiska parzjali tal-ammont stabbilit għall-ħelsien mill-arrest fid-digriet mogħti minn din il-Qorti diversament preseduta fid-digriet tat-18 ta' Awwissu 2022, fis-somma ta' elf Euro (€1,000), u tiċħad it-talba għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest mogħti fl-istess digriet imsemmi u għall-arrest mill-ġdid tal-ħati.

Bl-applikazzjoni tal-artikolu 24 tal-Att dwar il-Probation, tordna lill-ħati jħallas lil Go p.l.c. is-somma ta' elfejn mija u ħamsa u ħamsin Euro (€2,155.00) rappreżentanti l-bilanċ tal-ispejjeż għat-tiswija tal-ħsara u kwindi bħala kumpens għad-danni sofferti b'riżultat tal-kommissjoni tar-reati li dwarhom qed tinstab ħtija, fi żmien sitt (6) xhur. Din l-ordni għall-ħlas tista' tiġi infurzata bl-istess mod bħallikieku din kienet ingħatat f'azzjoni ċivili bejn il-ħati u l-istess Go p.l.c.

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex jieħu konjizzjoni tal-ordni tal-konfiska taħt l-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**